MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 362/2007

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-14 ta' Settembru 2007 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

1. Illi miż-żwieġ bejn il-partijiet kontendenti li sar fit-3 ta' Diċembru 1973 twieldu erbat (4) itfal li llum kollha maġġorenni;

2. Illi l-ħajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti ma għadhiex aktar possibbli minħabba ħtijiet imputabbli lill-intimat senjatament minħabba raġunijiet ta' nuqqas ta' amministrazzjoni u manteniment adegwat għall-ħajja ta'

kuljum fejn ħalla lill-attriċi fi bżonn kontinwu u minħabba eċċessi, sevizzi u inġurji gravi da parti tal-intimata fil-konfront tal-esponenti, u *in subsidium*, għax iż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment;

3. Illi l-esponenti ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni tal-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-12 ta' Jannar 2007 sabiex l-esponenti tkun f'din l-istess stanza u dan kif l-istess awtoriżżazzjoni ġiet estiża għall-perjodu ta' xahrejn fit-18 ta' Lulju 2007;

4. Illi tentattivi sabiex jintlaħaq ftehim bonarju ma swew għalxejn u għalhekk kellhom jiġu ntavolati l-proċeduri odjerni;

Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minħabba raġunijiet imputabbli lill-konvenut, u tawtoriżża lill-attriċi tgħix separatament mill-konvenut;

2. Tapplika kontra l-konvenut, interament jew in parti, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oġġetti formanti parti mill-istess komunjoni jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet kif jiġi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda lill-esponenti u l-oħra lill-konvenut, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, u dan l-istess dar residenzjali li hija fil-komunjoni tal-akkwisti li ġġib l-isem ta' ________________________________________;

4. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jirċievi l-att ta' diviżjoni relattiv u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

5. Tikkundanna lill-konvenut iħallas retta alimentari (manteniment) lill-attriċi bir-rata li tistabbilixxi l-Qorti wara li tara l-introjtu regolari li għandu l-konvenut;

6. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-esponenti l-beni parafernali tagħha u tordna illi l-esponenti tiġi mogħtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tagħha;

7. Tawtorizza lill-attriċi tirreġistra ossija tniżżel fir-Reġistru Pubbliku s-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata, ppreżentata fil-25 ta' Jannar 2008, li permezz tagħha l-konvenut eċċepixxa bir-rispett:

1. Illi huwa jaqbel illi ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment iżda dana għal raġunijiet imputabbli lir-rikorrenti kif għandu jirriżulta fit-trattazzjoni tal-każ;

2. Illi *inoltre* kif għandu jirriżulta fit-trattazzjoni tal-każ illum l-intimat huwa invalidu u ma jistax iħallas retta alimentari lil martu A *stante* li jgħix fuq benefiċċju soċjali;

3. Il-proprjeta' fejn jabita l-esponenti ma tifformax parti mill-komunjoni tal-akkwisti iżda hija proprjeta' parafernali tal-intimat esponenti u dana kif għandu ulterjorment jirriżulta waqt is-smiegħ tal-provi;

4. Salv eċċezzjonijiet oħra, jekk ikun il-każ, u jekk jirriżultaw.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Semgħet ix-xhieda;

Rat l-affidavits preżentati mill-konvenut;

Rat in-nota konġuntiva a fol 67 tal-proċess li permezz tagħha l-partijiet qablu li l-valur tad-dar konjugali huwa ta' €174,750;

Rat id-diversi digrieti ohra tagħha;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Mejju 2010 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif gia' ingħad l-attriċi qed titlob is-separazzjoni mingħand żewġha l-konvenut għas-soliti raġunijiet. Il-partijiet jaqblu li għandhom jisseparaw iżda jwaħħlu f'xulxin għal dan. Hawnhekk għandu jingħad li t-tfal li kellhom il-partijiet miż-żwieġ huma maġġorenni u allura l-Qorti ma għandhiex deċizjonijiet x'tiehu fir-rigward. Fil-fatt l-akbar kontestazzjoni tirrigwardja d-dar matrimonjali peress li l-konvenut isostni li din ma tappartjenix lill-komunjoni tal-akkwisti.

**TORT**

Kif ġia' ingħad il-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż-żwieġ; l-attriċi tgħid li l-konvenut dejjem trattaha ħażin filwaqt li l-konvenut jgħid li l-attriċi kienet tilgħab il-flus li kien jagħtiha. Mill-kumpless tal-ftit provi illi ġew prodotti jidher li l-konvenut kien iżomm idejh wisq fil-konfront ta' martu biex jagħtiha flus għall-bżonnijiet tal-ħajja. Għaldaqstant il-Qorti filwaqt li tħoss li l-partijiet t-tnejn għat-tifrik taz-żwieġ u spiċċaw jgħixu f'*sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune.* (**"Caterina Agius vs Benedict Agius"** – Prim' Awla 13 ta' Ġunju 1967), hija tal-fehma li l-konvenut jaħti aktar għat-tifrik taż-żwieġ mill-attriċi.

**MANTENIMENT**

Għandu jingħad illi l-konvenut ġie ordnat iħallas ħmistax-il Ewro (€15) fil-ġimgħa permezz ta' digriet ta' din il-Qorti.; dan għaliex il-konvenut għalkemm illum ma jaħdmix

jipperċepixxi pensjoni u mhux sew li ma jħallas xejn manteniment lill-attriċi; għalhekk il-Qorti se tikkonferma dan id-digriet, *rebus sic standibus*.

**PROPRJETA'** - ***Beni immobbli***
Il-partijiet kienu jgħixu fid-dar matrimonjali tagħhom li ġġib l-isem ______________________________, Għaxaq li huma xtraw fl-1985 u kwindi l-proprjeta' hija formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-konvenut jgħid li kien tahielu missieru iżda l-kuntratt esebit a fol 38 juri biċ-ċar illi dan kien kuntratt ta' bejgħ; kellhom x'kellhom f'moħħhom il-partijiet. Id-dokument illi esebixxa l-konvenut (fol 60) fis-sens illi l-konvenut kien ta s-somma ta' elfejn lira (Lm2,000) lil missieru bħala parti minn dan in-negozju ġuridiku ma tbiddilx is-sustanza li l-proprjeta' hija formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet. Billi din hija l-unika proprjeta' li għandhom il-Qorti se tordna li tinbiegħ u r-rikavat jinqasam. Il-proprjeta' hija stmata mija u erbgħa u sebgħin elf, seba' mija u ħamsin Ewro (€174,750) (ara fol 288 *et sequitur*).

**PROPRJETA'** - ***Beni mobbli;***
Il-partijiet ma ressqux provi dwar beni mobbli.

**DEĊIŻJONI**
**Il-Qorti għalhekk qed tiddeċiedi l-kawża billi fir-rigward tat-talba attriċi:**

**1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti billi ż-żwieġ tfarrak irrimedjabbilment iżda b'tort akbar tal-konvenut u tawtorizzahom jgħixu separatament;**
**2. Tilqa' t-tieni talba;**
**3. Fir-rigward tat-tielet talba, tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi tordna l-bejgħ tal-fond ___________________________________ a bażi tal-prezz ta' mija u erbgħa u sebgħin elf, seba' mija u ħamsin Ewro (€174,750) fuq imsemmija u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet;**
**4. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' talba billi mhux meħtieġa;**
**5. Tordna lill-konvenut iħallas manteniment ta' ħmistax-il Ewro (€15) fil-ġimgħa lill-attriċi;**

**6. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-sitt talba billi ma saritx prova fir-rigward tagħha;**
**7. Tilqa s-seba' talba;**
**L-ispejjeż tal-kawza jitħallsu terz mill-attriċi u żewġ terzi mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------